MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2007

Numru 541/1998

Illum, 31 ta’ Ottubru, 2007

Il-Pulizija
(Spettur Maurice Curmi)
(Spettur Angelo Baldacchino)

vs

Dr. Michael A. Borg M.D.

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Michael Angelo Borg, 43 sena, bin Michael Angelo u Carmela nee’ Pace, imwieled Pieta’ fit-28 ta’ Gunju 1955 u residenti f’ Numru 39, Triq ic-Crieki, Marsascala u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 478555(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :-

1. Fit-18 ta’ Awissu 1998, f’ Bormla, meta minhabba fil-kariga jew l-impjieg tieghu, kien fi dmir li jaghmel jew jaghti dikjarazzjoni jew certifikat, b’ abbuz ta’ awtorita’, ghamel jew ta dikjarazzjoni jew certifikat, b’abbuz ta’ awtorita’, ghamel jew ta dikjarzzjoni falza jew certifikat falz ai termini tal-Artikolu 185(2) tal-Kodici Kriminali;\

2. Ukoll talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamel dikjarzzjoni jew staqarrija falza, jew ta taghrif falz, ai termini tal-Artikolu 188 tal-Kodici Kriminali;

3. Ukoll talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi , ghamel falsifikazzjoni jew ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat, ai termini tal-Artikolu 189 tal-Kodici Kriminali;

4. Ukoll talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi, sar hati ta’ kontravenzjoni kontra l-ordni pubbliku, meta biex iqarraq l-awtorita’ gab quddiem din l-awtorita’atti, dikjarazzjonijiet jew certifikati veri, u ghaddihom b’qerq bhala li jirreferrixxu ghalih jew ghal haddiehor, ai termini tal-Artikolu 338(hh) tal-Kodici Kriminali

Rat l-atti kollha tal-kawza fosthom il-kunsens ta’ l-Avukat Generali datat 27 ta’ Awissu, 1998 sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja, liema dokument jinsab esebit a *folio* numru 4 tal-process.

Semghat lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita kif jirrizulta mill-ezami li sarlu nhar it-28 ta’ Awissu, 1998 (*folio* 8 tal-process) *ai termini* ta’ l-Artikoli 370 (4), 390 (1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda certifikat mediku rilaxxjat mill-imputat fit-18 ta' Awissu 1998 (esebit *a folio* 19 tal-process) fejn l-imputat fil-kapacita' tieghu ta' tabib iccertifika dwar certu Charles Butler *"The above is suffering from enteritis and is unfit to go out of doors today".*

L-Ispettur Angelo Baldacchino li xehed fis-seduta tat-2 ta' Ottubru 1998 qal li fis-17 ta' Awissu 1998 huwa kien qed jara l-gazzetti u qara li certu Charles Butler mill-Birgu kien gie arrestat Sqallija. Peress li huwa kien jaf li din il-persuna kien jifirma l-Ghassa ta' Bormla f'certu granet huwa mar jiccekkja r-Registru tal-iffirmar u sab li dan Charles Butler suppost kellu jiffirma fit-18 ta' Awissu 1998 u ra li fir-Registru kien hemm inserit certifikat mahrug minn Dr. Michael Borg, u cioe' l-imputat, odjern, li kien jghid li Charles Butler ma kienx jiflah. Wara irrizulta li dan ic-certifikat kien gie prezentat l-Ghassa minn Carmen Butler li hija mart l-imsemmi Charles Butler.

Illi permezz tal-ewwel akkuza l-imputat jinsab akkuzat bir-reat tal-ghoti ta' dikajrazzjoni jew cerifikat falz ai termini tal-Artikolu 185(2) tal-Kap. 9 tal-Ligjiet ta' Malta. Dan l-Artikolu jipprovdi s-segwenti:

*1) Bla hsara tal-kazijiet imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan it-Titolu, jekk ufficjal jew impjegat pubbliku illi, minhabba l-kariga jew l-impieg tieghu, hu fid-dmir li jaghmel jew jaghti dikjarazzjoni jew certifikat, jaghmel jew jaghti dikjarazzjoni falza jew certifikat falz , jehel meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija minn disa' xhur sa tliet snin.*

*2) Meta l-falsifikazzjoni ssir minn xi persuna li mhix ufficjal jew impjegat pubbliku b'abbuz ta' awtorita', il-piena tkun ta' prigunerija minn seba' xhur sa sentejn.*

Mhux kontestat li l-imputat agixxa fil-kwalita' professjonali tieghu ta' tabib meta rrilaxxja c-certifikat mediku in dizamina u allura huwa applikabbli ghalih is-sub-inciz (2) tal-Artikolu 185. L-element li jikkostitwixxi dan ir-reat huwa li l-persuna tkun tat dikjarazzjoni falza jew irrilaxxjat certifikat falz. Sabiex persuna tista' tinstab hatja ta' dan ir-reat irid jigi pruvat li hija kienet taf x'inhi l-verita' u

ntenzjonalment ghamlet dikjarazzjoni li kienet taf li mhijiex vera. Fil-kaz *de quo* il-Prosekuzzjoni kellha tipprova li Charles Butler mhux veru li kien qed isofri minn enteritis kif indikat fic-certifikat mediku rilaxxjat mill-imputat u li l-imputat kien jaf li huwa ma kienx qieghed isofri minn din il-kundizzjoni. Minn ezami bir-reqqa tal-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni ma jirrizultax li hija rnexxielha tipprova xejn minn dan. Il-Prosekuzzjoni qed tibbaza l-kaz taghha kontra l-imputat esklussivament fuq il-fatt li rrizultalha li fit-18 ta’ Awissu 1998 Charles Butler kien Sqallija u huwa ma marx jiffirma l-Ghassa ta’ Bormla kif kien obbligat li jaghmel u li sabiex jigi gustifikat in-nuqqas tal-imputat li jifirma fl-imsemmija gurnata gie prezentat ic-certifikat mediku rilaxxjat lill-imputat. Irid jigi rilevat li mill-atti la jirizulta meta effettivament Charles Butler mar Sqallija u lanqas ma gie pruvat li l-imputat effettivament ma ezaminax lill-imsemmi Charles Butler. Il-Prosekuzzjoni qed tassumi li galadarba Charles Butler inqabad Sqallija allura mhux minnu li huwa kien qed isofri minn enteritis u li l-imputat kien jaf li Butler ma kienx qed isofri minn din il-marda izda nosnostante cio’ irrilaxxja c-certifikat *de quo*. Jidher li l-Prosekuzzjoni assumiet li galadarba Charles Butler inqabad Sqallija huwa ma kienx qed isofri minn enteritis, assumiet ukoll li ghalhekk l-imputat ma setax jinvistah u assumiet li l-istess imputat kien jaf li Charles Butler ma kienx qed ibati minn enteritis. Huwa principju kardinali fil-kamp kriminali li l-Qorti ma tistghax issib htija abbazi ta’ assunzjonijiet. Il-Prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubbju dattat mir-raguni u l-Qorti jidrilha li fil-kaz odjern hija naqset milli taghmel dan fil-konfronti tal-imputat kemm in kwantu jirrigwarda l-ewwel akkuza kif ukkoll in kwantu jirrigwarda t-tieni akkuza u ghalhekk l-imputat qed jigi liberat minn dawn l-akkuzi.

Permezz tat-tielet akkuza l-imputat qed jigi akkuzat bir-reat kontemplat fl-Artkolu 189 tal-Kap. 9 tal-Lgijiet ta’ Malta liema Artikolu jipprovdi s-segwenti:--

*Kull min jaghmel falsifikazzjoni ohra jew xjentement jaghmel uzu minn xi document iehor falsifikat, mhux imsemmija fl-artikoli ta’ qabel ta’ dan it-Titolu, jehel il-*

*piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sitt xhur, u jekk ikun ufficjal jew impjegat pubbliku b'abbuz tal-kariga jew impieg tieghu, il-piena tkun ta' prigunerija minn seba' xhur sa sena.*

Hemm gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna li l-falz kontemplat fl-Artikoli 189 tal-Kap. 9 huwa l-falz materjali u mhux il-falz ideologiku. Il-Qorti f'dan ir-rigward taghmel referenza ghal zewg sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede inferjuri) u cioe' **Pulizija vs Paul Galea (17 ta' Ottubru 1997)** u **Pulizija vs Paul Muscat (30 ta' Lulju 2004)** fejn il-Qorti spjegat id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku u fejn gie stabbilit li l-Artikolu 189 jirrferi ghall-falz materjali. Fis-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet **Pulizijia vs Paul Muscat** appena citata il-Qorti tal-Appell ghamlet referenza ghall-ispjegazzjoni li inghatat mill-gurista Francesco Antolisei dwar id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku li hija s-segwenti.

*"Allo scopo di precisare la distinzione, il Manzini (conformemente, del resto, alla migliore dottrina straniera) si e' richiamato ai due diversi significati che, come abbiamo posto in rilievo, assume in genere il termine 'falso', e precisamente alla differenza tra 'non-genuinita' e 'non-veridicita'. Secondo l'insigne autore il falso materiale si ha quando il documento non e' genuino; il falso ideologico allorche' il documento e' bensi' genuino, ma non e' veridico, perche' colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero."*

Fil-kaz in dizamina huwa evidenti li l-falz li bih qed jigi akkuzat l-imputat odjern huwa l-falz ideologiku u mhux dak materjali u dan ghaliex mill-provi bl-ebda mod ma rrizulta li l-imputat qed jigi akkuzat li biddel jew b'xi mod varja certifikat diga' ezistenti. Jidher ghalhekk li l-Artikolu 189 ma jinkwadrax ruhu fil-fattispecie tal-kaz odjern stante li ma hemmx kontestazzjoni li c-certifikat mediku rilaxxjat mill-imputat huwa certifikat awtentiku iffirmat mill-istess imputat u li dan ic-ceritifkat bl-ebda mod ma gie varjat jew mibdul.

Permezz tar-raba’ rakkuza l-imputat jinsab akkuzat bil-kontravenzjoni kontemplata fl-Artikolu 338 (h) tal-Kap. 9 tal-Ligjiet ta’ Malta liema Artikolu jipprovdi s-segwenti -:

*Meta l-fatt ma jaqax taht disposizzjonijiet ohra ta’ dan il-Kodici jew ta’ ligi ohra, biex iqarraq l-awtorita’, igib quddiem din l-awtorita’ atti, dikjarazzjonijiet jew certifikati veri, u jghaddihom b’qerq bhala li jirriferixxu ghalih jew ghal haddiehor.*

Anki fir-rigward ta’ din l-akkuza l-Qorti jidrilha li mill-esposizzjoni tal-fatti kif esposti aktar il-fuq jidher li din l-akkuza assolutament ma tinkwadrax ruhha fil-fattispeci tal-kaz odjern u ghalhekk l-imputat qed jigi liberat anki minn din l-akkuza.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu u tilliberah mill-istess akkuzi

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------